MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 269/2003

**Golden Harvest Mfg Company Limited**

**Vs**

**Philip Camilleri f'ismu personali u ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' BayStreet Hotel u b'digriet tat-Tribunal tat-2 ta' Mejju, 2003 inhatar Dr Tonio Azzopardi biex jirrapprezenta lill-assenti Philip Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,364.62c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra nterpellatorja tal-25 t'Ottubru, 2002 u bl-imghaxijiet.

Ra d-digriet tat-Tribunal tat-2 ta’ Mejju, 2003 li permezz tieghu Dr Tonio Azzopardi gie nominat Kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti konvenut.

Ra r-Risposta tal-Kuratur li biha eccepixxa li huwa mhuwiex edott mill-fatti u rriserva d-dritt li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ x-xhieda ta’ Mario Aquilina fis-seduta tas-27 ta’ Mejju, 2004 u li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d’ostakolu ghas-seduta tal-lum.

Ra li ma gie pprezentat l-ebda Rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni ta’ din is-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mix-xhieda ta’ Mario Aquilina jirrizulta pruvat illi s-socjeta’ attrici kkonsenjat lill-konvenut konsenji varji ta’ hobz, fil-valur komplessiv ta’ elf tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,364.62c) u li dan l-ammont ma thallasx.

Ma gew prodotti l-ebda provi li b’xi mod jikkontraducu l-provi mressqa mis-socjeta’ attrici u konsegwentement it-talba tas-socjeta’ attrici tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ elf tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,364.62c) bl-ispejjez u bl-interessi mill-14 ta’ Lulju, 2003 (data tan-notifika ta’ l-Avviz) kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------